Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2022/2020(INI)

26.6.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar possibbiltajiet biex tiżdied l-affidabbiltà tal-awditi u l-kontrolli mill-awtoritajiet nazzjonali fl-ambitu tal-ġestjoni kondiviża
(2022/2020(INI))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Monika Hohlmeier

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar possibbiltajiet biex tiżdied l-affidabbiltà tal-awditi u l-kontrolli mill-awtoritajiet nazzjonali fl-ambitu tal-ġestjoni kondiviża
(2022/2020(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ir-Regolament Finanzjarju)[1] u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Mejju 2022 dwar proposta għar-reviżjoni tiegħu (COM(2022)0223),

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' pożizzjoni tiegħu dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013[2],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi[3],

– wara li kkunsidra r-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri,

– wara li kkunsidra l-istudju bit-titolu "Research for REGI Committee – Gold-Plating in the European Structural and Investment Funds (Riċerka għall-Kumitat REGI – Regolamentazzjoni Żejda fil-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej)", ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu fis-16 ta' Jannar 2017[4],

---

[1] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
[2] ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187.
[3] ĠU L 231, 30.6.2021, p.159.
[4] Studju – "Research for REGI Committee – Gold-Plating in the European Structural and Investment Funds (Riċerka għall-Kumitat REGI – Regolamentazzjoni Żejda fil-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej)", Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku B – Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni, 16 ta' Jannar 2017.

– wara li kkunsidra l-istudju, mitlub mill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu, bit-titolu "Single Audit Approach – Root Causes of the Weaknesses in the Work of the Member States' Managing and Audit Authorities (Approċċ ta' Awditu Uniku – Kawżi Ewlenin tad-Dgħufijiet fix-Xogħol tal-Awtoritajiet ta' Ġestjoni u tal-Awditjar tal-Istati Membri)", ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu fit-30 ta' April 2022[5],

– wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet u r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-kwittanza lill-Kummissjoni għas-snin 2019, 2020, 2021 u 2022[6],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2023),

A. billi l-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li "ir-regolament għandu jistabbilixxi l-obbligi ta' kontroll u ta' verifika tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-baġit kif ukoll ir-responsabbiltajiet li joħorġu minn dan";

B. billi l-Artikolu 127[7] tar-Regolament Finanzjarju jiddefinixxi l-kunċett ta' "dipendenza reċiproka fuq l-awditi" għall-interventi kollha ffinanzjati mill-fondi tal-UE; jenfasizza li dan l-Artikolu jistabbilixxi bażi biex l-awdituri jiddependu fuq xogħol ta' awditjar preċedenti meta dan ikun sar f'konformità mar-regoli tal-UE, mal-istandards internazzjonali applikabbli u minn awditur indipendenti; jissottolinja li l-prinċipju tal-Awditu Uniku għandu l-għan li jipprevjeni d-duplikazzjoni tax-xogħol ta' awditjar, inaqqas il-kostijiet ġenerali tal-attivitajiet tal-awditjar u jnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-partijiet awditjati;

C. billi f'konformità mal-Artikolu 247 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni trid tinkludi stima tal-livell ta' żball fin-nefqa tal-Unjoni bbażata fuq metodoloġija konsistenti fir-rapport annwali tagħha dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni;

D. billi l-Artikolu 69 tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni jqiegħed lill-Istati Membri taħt obbligu li jkollhom sistemi ta' ġestjoni u kontroll għall-programmi tagħhom, u li jieħdu, fuq talba tal-Kummissjoni, l-azzjonijiet neċessarji kollha biex jiżguraw il-funzjonament effettiv tagħhom, inklużi l-awditi, li fihom il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tistgħu jieħdu sehem, u li jiżguraw li jinżammu d-dokumenti kollha meħtieġa għar-rekord tal-awditjar;

---

[5] Studju – "Single Audit Approach – Root Causes of the Weaknesses in the Work of the Member States' Managing and Audit Authorities (Approċċ ta' Awditu Uniku – Kawżi Ewlenin tad-Dgħufijiet fix-Xogħol tal-Awtoritajiet ta' Ġestjoni u tal-Awditjar tal-Istati Membri)", Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku D, Affarijiet Baġitarji, 30 ta' April 2022.

[6] Testi adottati, P9_TA(2020)0114, P9_TA(2021)0164, P9_TA(2022)0144, P9_TA(2023)0137.

[7] Artikolu 127: "**Dipendenza reċiproka fuq l-awditi**. Mingħajr ħsara għall-possibilitajiet eżistenti għat-twettiq ta' aktar awditi, fejn awditur indipendenti jkun għamel awditu bbażat fuq standards tal-awditi aċċettati internazzjonalment li jipprovdu garanzija raġonevoli fuq id-dikjarazzjonijiet finanzjarji u r-rapporti li juru l-użu ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni, dak l-awditu għandu jifforma l-bażi tal-garanzija globali, kif speċifikata aktar, fejn xieraq, fir-regoli speċifiċi għas-settur, dment li jkun hemm evidenza suffiċjenti tal-indipendenza u l-kompetenza tal-awditur. Għal dak il-għan, ir-rapport tal-awditur indipendenti u d-dokumentazzjoni relatata tal-awditjar għandhom, fuq talba, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Awdituri u l-awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri".

Il-kawżi ewlenin li jaffettwaw il-ġestjoni, il-kontroll u l-awditjar tan-nefqa tal-UE taħt ġestjoni kondiviża

1. Jenfasizza li l-kumplessità tar-regoli dwar il-fondi tal-UE, flimkien mal-bidliet frekwenti fir-regolamenti bejn il-perjodi ta' programmazzjoni, tista' twassal għal inċertezza legali jew kwistjonijiet ta' konformità, kif ukoll għal interpretazzjonijiet ħżiena u implimentazzjoni mhux suffiċjenti, li jiġġeneraw riskju ogħla ta' żbalji; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-gwida tal-Kummissjoni spiss tkun teoretika ħafna, dettaljata żżejjed, teknokratika u miftuħa għal interpretazzjonijiet differenti (pereżempju, fir-rigward tal-kunflitti ta' interess) li jwasslu lill-awtoritajiet tal-programm biex jirreaġixxu għall-inċertezza u għar-riskji perċepiti billi jimmassimizzaw il-miżuri ta' salvagwardja jew joħolqu miżuri ta' ċirkomvenzjoni; jisħaq li dawn il-miżuri jsaħħu l-prattiki ta' regolamentazzjoni żejda[8] jew il-bidliet kontinwi fl-istandards ta' implimentazzjoni; jiddeplora l-fatt li dawn l-aspetti, li joħolqu piżijiet amministrattivi bla bżonn, jistgħu jħallu impatt negattiv fuq il-livell ta' attraenza tal-fondi tal-UE għal benefiċjarji potenzjali fl-Istati Membri; jisħaq li l-awtoritajiet ta' ġestjoni għandhom ir-riskju li jagħmlu żbalji bħala riżultat ta' regoli kumplessi u mhux ċari minkejja l-aħjar intenzjonijiet tagħhom li jikkonformaw mar-regolamenti tal-UE u dan jista' jwassal ukoll għal ċertu grad ta' frustrazzjoni min-naħa tal-partijiet ikkonċernati;

2. Isostni li t-traduzzjoni fil-qasam tal-liġi hija proċedura kumplessa u impenjattiva li żżid livell ieħor ta' diffikultà għall-interpretazzjoni, peress li t-traduzzjoni legali jeħtieġ li tkun preċiża u tittrasponi l-istess ideat espressi fit-test sors, u t-termini legali jirriflettu kunċetti legali li jvarjaw bejn sistemi legali differenti, b'mod partikolari fl-oqsma tal-ġestjoni, il-kontroll u l-awditjar, li jistgħu jkunu tekniċi ħafna;

3. Ifakkar fl-osservazzjonijiet tal-awtorità ta' kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali u ta' partijiet ikkonċernati oħra li ma kinux involuti biżżejjed fl-istabbiliment ta' programmi nazzjonali;

4. Jindika li l-iżbalji u l-irregolaritajiet għandhom jiġu identifikati u kkoreġuti mill-awtoritajiet ta' ġestjoni fl-ewwel istanza; ifakkar li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) sabet li fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni[9], il-verifiki tal-awtoritajiet ta' ġestjoni għadhom parzjalment ineffettivi fil-prevenzjoni jew fl-identifikazzjoni ta' irregolaritajiet fin-nefqa ddikjarata mill-benefiċjarji;

5. Jinsisti li l-korpi tal-awditjar fl-Istati Membri jridu jikkonformaw ma' standards aċċettati internazzjonalment dwar l-awditi; jiddikjara li n-nuqqas ta' konformità magħhom jista' jdgħajjef l-affidabbiltà u l-kwalità tax-xogħol ta' awditjar u b'hekk joħloq theddida għall-approċċ tal-Awditu Uniku; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-QEA identifikat ripetutament nuqqasijiet fil-kamp ta' applikazzjoni, fil-kwalità, fid-dokumentazzjoni u fir-rapportar tax-xogħol ta' ċerti awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar[10]; iqis li d-dgħufijiet li nstabu fix-xogħol ta' bosta awtoritajiet tal-awditjar li

[8] Ir-regolamentazzjoni żejda hija definita bħala regoli u obbligi regolatorji addizzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti stabbiliti fil-livell tal-UE, u li jagħmlu l-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE aktar għalja u ta' piż għall-korpi u għall-benefiċjarji tal-programmi.
[9] Ir-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2021, p. 160.
[10] Ir-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2021, pp. 163-168.

kienu koperti mill-kampjun tal-QEA, attwalment jillimitaw id-dipendenza li jista' jkun hemm fuq dak ix-xogħol. jisħaq fuq l-importanza li l-Istati Membri jkollhom qafas bażiku b'responsabbiltajiet ċari u dettaljati għall-iżgurar tal-kwalità tal-awditi, sabiex tiġi evitata l-interpretazzjoni ħażina tar-regoli tal-UE; jinsisti li jekk l-awtoritajiet tal-awditjar ikunu qed jaħdmu b'mod effettiv u jużaw standards internazzjonali, għandhom jiġu evitati awditi doppji biex jitnaqqas il-piż burokratiku u biex isir użu effiċjenti mill-kapaċitajiet tal-awditjar;

6. Jisħaq li sabiex jitwettqu verifiki u awditi tal-programmi ffinanzjati mill-fondi tal-UE, huwa essenzjali li jkun hemm riżorsi umani kompetenti b'esperjenza adegwata u b'memorja istituzzjonali f'livelli differenti; jesprimi dispjaċir għall-fatt li n-nuqqas ta' riżorsi suffiċjenti, inkluż it-taħriġ tal-kapaċità dedikat għall-funzjonijiet ta' kontroll, huwa fattur li jaffettwa l-kapaċità tal-awtoritajiet ta' ġestjoni (fil-politika ta' koeżjoni) u tal-aġenziji tal-pagamenti (fil-politika agrikola komuni) biex iwettqu kontrolli u verifiki effettivi u bir-reqqa tan-nefqa[11]; ifakkar, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa li jittejbu l-metodi u l-implimentazzjoni tal-assistenza teknika li l-Kummissjoni tista' tipprovdi lill-awtoritajiet tal-Istati Membri;

7. Jissottolinja li korpi tal-awditjar indipendenti u korpi oħra li jimmaniġġjaw il-fondi fl-Istati Membri huma rekwiżit ewlieni għall-affidabbiltà u l-kwalità tar-riżultati tal-awditjar; ifakkar li f'xi Stati Membri, il-korpi tal-Istat b'funzjonijiet superviżorji raw ħatriet arbitrarji li wasslu għal mistoqsijiet fir-rigward tal-imparzjalità tagħhom fl-identifikazzjoni u r-rapportar tal-korruzzjoni; jenfasizza li mekkaniżmi ta' sorveljanza indipendenti mhux suffiċjenti u interkonnessjonijiet illegali bejn l-istrutturi politiċi u oligarkiċi fl-oqsma ekonomiċi u tas-soċjetà jwasslu għall-korruzzjoni[12];

8. Itenni t-tħassib tiegħu dwar id-differenza bejn il-metodu tal-QEA u dak tal-Kummissjoni għall-kalkolu tal-iżbalji, li toħloq konfużjoni u tnaqqas is-sens ta' urġenza meħtieġ biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-iżbalji; jenfasizza li dawn id-diverġenzi ma jseħħux fl-oqsma kollha tan-nefqa; jenfasizza li hija meħtieġa kopertura adegwata tal-awditjar għal kampjun rappreżentattiv statistiku li jirrifletti l-grad għoli ta' fiduċja meħtieġ biex ix-xogħol ta' awditjar iwassal għal konklużjonijiet affidabbli; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-metodoloġija tagħha u tikkoopera mal-QEA bil-ħsieb li żżid l-armonizzazzjoni sabiex tipprovdi ċifri aktar komparabbli u tkompli b'approċċ ibbażat fuq ir-riskju jekk jitfaċċaw nuqqasijiet serji f'ċerti Stati Membri jew setturi;

Rakkomandazzjonijiet dwar il-modi possibbli biex tiżdied l-affidabbiltà tal-awditi u l-kontrolli taħt ġestjoni kondiviża

9. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tidentifika modi biex tgħin lill-Istati Membri fit-traspożizzjoni tad-direttivi, fil-ħruġ ta' linji gwida u fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE, filwaqt li tqis l-interazzjoni bejn ir-regoli tal-UE u l-leġiżlazzjoni nazzjonali; ifakkar, f'dan il-kuntest, l-importanza li jsiru valutazzjonijiet tal-impatt, evalwazzjonijiet u kontrolli tal-idoneità rigoruż biex jiġi vvalutat jekk il-leġiżlazzjoni u l-programmi ta' nfiq tal-UE humiex adattati għall-iskop tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni tindirizza fil-pront id-duplikazzjonijiet regolatorji, l-inkonsistenzi u n-

[11] "Single Audit Approach – Root Causes of the Weaknesses in the Work of the Member States' Managing and Audit Authorities (Approċċ ta' Awditu Uniku – Kawżi Ewlenin tad-Dgħufijiet fix-Xogħol tal-Awtoritajiet ta' Ġestjoni u tal-Awditjar tal-Istati Membri)", p. 57.
[12] https://commission.europa.eu/system/files/2022-07/40_1_193993_coun_chap_hungary_en.pdf.

nuqqasijiet identifikati matul il-kontrolli tal-idoneità, filwaqt li tqis l-esperjenzi fil-livell nazzjonali u/jew reġjonali u tieħu miżuri xierqa biex tiżgura l-effettività, ir-rilevanza u l-koerenza tal-programmi tal-UE;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tnaqqas ir-regolamentazzjoni żejda min-naħa waħda, u l-implimentazzjoni jew it-traspożizzjoni mdewma, frammentata jew mhux kompluta tal-leġiżlazzjoni Ewropea min-naħa l-oħra, peress li dan ifixkel l-armonizzazzjoni u jwassal għal distorsjonijiet fl-UE, bi standards kontradittorji applikati fl-infiq tal-fondi Ewropej;

11. Jikkritika l-fatt li aktar u aktar proposti leġiżlattivi ma għandhomx valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa bl-involviment tad-diversi partijiet ikkonċernati kollha u b'analiżi finanzjarja u baġitarja ċara; jistieden lill-Kummissjoni tagħti aktar importanza lill-kwalità tax-xogħol leġiżlattiv u tieħu approċċ realistiku għall-konsegwenzi amministrattivi, finanzjarji u baġitarji;

12. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-kooperazzjoni mal-Istati Membri, b'mod partikolari, fir-rigward tal-evitar ta' kwistjonijiet ta' traduzzjoni ħażina li jistgħu jfixklu l-interpretazzjoni uniformi tal-liġi tal-UE kif ukoll timponi piż amministrattiv ulterjuri fuq l-awtoritajiet nazzjonali meta jinterpretaw u japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti, sabiex ma jkunux imġiegħla jirrikorru għal verżjonijiet eżistenti f'lingwi uffiċjali oħra [13]; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tiżgura applikazzjoni orizzontali tal-istandards tal-awditjar fl-Istati Membri kollha sabiex jiġu evitati livelli differenti ta' skrutinju u applikazzjoni; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha tiżviluppa metodoloġija ħafifa tal-awditjar għall-awtoritajiet li jkollhom prestazzjoni tajba b'mod konsistenti u li jsegwu r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kummissjoni;

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, meta jimplimentaw programmi tal-UE, iqisu dejjem il-ħtiġijiet u l-esperjenza tal-awtoritajiet reġjonali u lokali li huma involuti fl-implimentazzjoni tal-fondi, fir-rigward kemm tal-kapaċità amministrattiva tagħhom kif ukoll tal-adegwatezza tal-proċeduri operazzjonali u tal-awditjar li jridu jimplimentaw;

14. Huwa tal-fehma li d-diġitalizzazzjoni u l-adozzjoni ta' għodod tal-IT aktar sofistikati jtejbu l-ġestjoni, il-kontroll u l-awditjar tal-fondi tal-UE, u jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis sostanzjali tal-burokrazija; iqis li d-diġitalizzazzjoni tippermetti aċċess aktar faċli u aktar malajr għal data importanti matul il-verifiki u, għalhekk, għal tnaqqis fl-għadd ta' kontrolli; jenfasizza li, madankollu, l-ebda sistema tal-IT ma tista' xi darba tissostitwixxi kompletament il-fattur uman; jinsisti li persunal imħarreġ sew ikompli jkollu rwol importanti fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-fondi tal-UE; jistieden lill-Istati Membri jtejbu d-diġitalizzazzjoni tax-xogħol amministrattiv bil-ħsieb ta' approċċ armonizzat, u jiżguraw it-taħriġ xieraq tal-persunal involut fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE, kif ukoll fil-kontroll u fl-awditi, li jippermettilhom jifhmu bis-sħiħ il-kapaċitajiet tal-għodod tal-IT, ikunu jafu x'għandhom jistennew f'termini tar-riżultati prodotti u jifhmu r-rwol tagħhom fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

15. Jissottolinja li għal strumenti finanzjarji ibridi, meta jintuża "finanzjament mhux marbut ma' kostijiet" u pagamenti li jsiru bil-kundizzjoni tal-kisba ta' stadji importanti, miri u indikaturi oħra tal-prestazzjoni, huma meħtieġa metodoloġiji u approċċi ġodda tal-

[13] Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Marzu 2019, Italja vs Il-Kummissjoni, T-135/15, ECLI:EU:T:2019:155.

awditjar, kif ukoll flessibbiltà għall-awtoritajiet tal-awditjar u għall-Kummissjoni biex jivverifikaw il-legalità tal-infiq;

16. Jinsisti li l-kollaborazzjoni tajba u r-rispons bejn l-awtoritajiet ta' ġestjoni u tal-awditjar u l-Kummissjoni huma fatturi importanti oħra fl-effettività tal-qafas ta' assigurazzjoni u kontroll; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi b'mod proattiv komunikazzjoni tajba bejn l-awtoritajiet tal-awditjar u l-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-programm;

17. Ifakkar li l-abbozz ta' pożizzjoni tiegħu dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni mar ferm lil hinn minn dak maħsub, filwaqt li talab lill-Kummissjoni tistabbilixxi sistema unika, integrata u obbligatorja ta' rapportar u monitoraġġ interoperabbli, li tippermetti r-reġistrazzjoni u l-ħżin elettroniċi tad-data dwar ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni, anke f'format aggregat, inklużi s-sidien benefiċjarji tagħhom u tippermetti li dik id-data ssir regolarment disponibbli għall-estrazzjoni tad-data u għall-kejl tar-riskju, kif ukoll tiżgura li l-indikaturi użati mis-sistema jkunu affidabbli, oġġettivi u limitati għal dak li huwa meħtieġ għall-valutazzjoni tar-riskju;

18. Jilqa' l-użu ta' immaġnijiet satellitari u ta' teknoloġiji ġodda tal-immaġni biex tiġi mmonitorjata l-politika agrikola komuni, filwaqt li jiġu pprovduti osservazzjonijiet regolari tal-attività agrikola ta' popolazzjoni sħiħa ta' benefiċjarji; jirrikonoxxi li mill-2018, l-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri jistgħu jwettqu "kontrolli permezz ta' monitoraġġ" u jużaw proċessi awtomatizzati bbażati fuq id-data satellitari Sentinel tal-programm Copernicus tal-UE biex jivverifikaw il-konformità ma' ċerti regoli tal-politika agrikola komuni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli jippromwovihom, peress li għandhom il-potenzjal li jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, itejbu l-kosteffettività, jappoġġjaw l-identifikazzjoni ta' bnadar ħomor għal frodi potenzjali u jiggarantixxu approċċ armonizzat;

°

° °

19. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.